22003D0019

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 19/2003

tal-31 ta' Jannar 2003

li temenda l-Protokoll tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif mibdul mill-Protokoll li Jbidel l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ZEE Nru 100/2001 tat-13 ta' Lulju 2001 ([1]).

(2) Huwa xieraq li l-koperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim jiġi estiż sabiex jinkludi d-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2002 id-Deċiżjonijiet Nru 645/96/KE ([3]), 646/96/KE ([4]), 647/96/KE ([5]), 102/97/KE ([6]), 1400/97/KE ([7]), 372/1999/KE ([8]), 1295/1999/KE ([9]) u 1296/1999/KE ([10]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jitħassru taħt il-Ftehim.

(4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tista tibda taħdem mill-1 ta' Jannar 2003,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 16 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-ewwel tmien inċiżi fil-paragrafu 1 għandhom jitħassru.

([1]) ĠU L 251, ta' l-20.9.2001, p. 27.
([2]) ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 1.
([4]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 9.
([5]) ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 16.
([6]) ĠU L 19, tat-22.1.1997, p. 25.
([7]) ĠU L 193, tat-22.7.1997, p. 1.
([8]) ĠU L 46, ta' l-20.2.1999, p. 1.
([9]) ĠU L 155, tat-22.6.1999, p. 1.
([10]) ĠU L 155, tat-22.6.1999 p. 7.

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-paragrafu 1.

"– **32002 D 1786**: Deċizjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta program ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, tad-9.10.2002, p. 1)."

3. Il-paragrafu 2 għandu jiġi jitħassar.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi numerat 2, u l-paragrafu 4 għandu jiġi numerat 3.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Artikolu 3

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Supliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ma kienx hemm bonnijiet konstituzjonali indikati.